# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

It-Tnejn,7 ta' Jannar, 2019

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (2)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) Kunsillier

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

ASSENTI

Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 57.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

57.1.1. Is-Sindku JC informa li l-Kunsilliera JBD u l-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ Lokali Michaela Maria Chircop ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jkunu skużati.

57.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 57.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

57.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tas-sitta u ħamsin (56) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

57.2.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillier JBO kien bagħat talba sabiex jiġi skużat mil-laqgħa, liema talba kienet riċevuta fil-ħin, iżda ma kienetx innutata u għalhekk ma ġietx moqrija. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier JBO għandu jkun ikkunsidrat bħala skużat.

57.2.1.2. Il-Kunsillier AC talab li tiżdied minuta 56.17.3 bil-kliem: "Il-Kunsill tkellem dwar *retaining wall* li ċeda fi Triq Wied Has Saptan u kien hemm qbil li ssir spezzjoni fuq is-sit. Il-Kunsill qabel ukoll li tiġi esplorata l-possibilita' li ssir *crash barrier* fi Triq Birżebbuġa, kantuniera ma' Triq San Mikiel.

57.2.1.3. Il-Kunsillier AC talab li tiżdied minuta 56.13.2 bil-kliem: "Il-Kunsillier AC staqsa dwar min ser iħallas għall-ispejjeż addizzjonali ma' dawk tal-iskema mogħtija għall-attività' tar-Regatta. Huwa kien infurmat li dawn jitħallsu mill-Kunsill."

57.2.1.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 56.9.2.1, u talab li jiżdied il-kliem "minħabba nuqqas ta' spazju". Il-Kunsill qabel unanimament.

57.2.1.5. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier AC favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

57.2.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 56.2.6.1 li titratta rapport ta' storbju tal-*Freeport* u staqsa jekk dan jistax jiġi mgħoddi lill-Kunsill u jistax jiġi diskuss.

57.2.2.1. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li dan mhuwiex rapport ġdid iżda huwa rapport li sar madwar sena u nofs ilu, u li jiġi diskuss kontinwament u li huwa diġà disponibbli.

57.2.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 56.2.10.1 li titratta spazju ta' parkeġġi tal-vetturi tal-*GOTO* u staqsa jekk irċevejniex risposta.

57.2.3.1. Huwa kien infurmat fin-negattiv, u li għaldaqstant ser tittieħed azzjoni kif maqbul.

57.2.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 56.2.17 li titratta senjalazzjoni ta'parkeġġi fi Triq Wied il-Buni. Huwa fakkar li s-senjalazzjoni f'din iż-żona mhux qed tiġi implimentata minħabba li ser isiru xogħlijiet fit-toroq tal-viċin, u b'hekk ma jiġix illimitat l-ispazju ta' parkeġġ fil-mument li ser ikun hemm toroq maqlugħin.

57.2.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 56.4.3 li titkellem dwar kors tal-informatika, u rrimarka li l-materja baqgħet pendenti. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru diskussjonijiet mal-ETC, u jekk ikun hemm interess ta' 15 -il parteċipant, il-Kunsill jipprovdi trasport.

57.2.6. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 56.2.5 li titratta talba għall-pjanti tat-toroq inkluż *by-pass*, u staqsa jekk irċevejniex dawn il-pjanti.

57.2.6.1. Huwa kien imfakkar li ma hemmx pjanti, u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jirċievi xi ħaġa li fil-preżent għad ma teżistix.

57.2.7. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 56.4.6.1 li titratta l-pont pedonali propost għal fejn il-*Country Style* u staqsa dwar l-andament.

57.2.7.1. Huwa kien infurmat li l-Kunsill qed jistenna mingħand il-kuntrattur.

57.2.8. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tal-laqgħa annwali tal-lokalita' li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

57.2.8.1. Il-Kunsillier AC talab li tiżdied minuta 5.3 li taqra: "Ir-residenti talbu li jkun hemm iktar laqgħat pubbliċi matul is-sena sabiex jiġu diskussi suġġetti varji." Il-Kunsill qabel unanimament.

57.2.8.2. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier SZ favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Il-Kunsill qabel unanimament.

57.2.9. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 5.3 u staqsa meta ser isiru l-laqgħat.

57.2.9.1. Is-Sindku JC informa li l-laqgħat isiru skont it-talbiet u s-suġġetti mitluba għad-diskussjoni, mir-residenti.

57.2.10. Il-Kunsillier AC irrefera għall-minuta 4.13 u talab li jekk ma kienx hemm risposta mill-Ministru Mizzi, isir *reminder* ieħor.

57.2.11. Il-Kunsillier AC irrefera għall-minuta 4.16 u żied jgħid li għad hemm vetturi jinżlu fil-*prominade*, u issuġġerixxa li ssir senjalazzjoni aħjar.

57.2.11.1. Il-Kunsill innota li diġà hemm senjalazzjoni biżżejjed, imma hemm nuqqas ta' infurzar.

57.2.11.2. Wara diskussjoni libera, is-Sindku JC talab lill-Kunsillier SZ jaħdem fuq din il-materja.

57.2.12. Il-Kunsillier SZ irrefera għall-minuta 4.18 li titratta spazju rikreattiv f'Birżebbuġa n-naħa ta' Ħal Far, u staqsa ta' min hija l-art li hemm bejn il-freeprot, Benghisa u Hal Far (fejn hemm l-arbli) u s-suġġerixxa li jerġa jibda x-xogħol fuq ir-riġenerazzjoni taż-żona.

57.2.12.1. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li din hija tal-MIA, u li fil-passat kien hemm pjan ta' riġenerazzjoni mill-Kunsill sabiex isir kumpless sportiv.

57.2.12.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jerġa' jibda x-xogħol fuq ir-riġenerazzjoni ta' din iż-żona.

## 57.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

57.3.1. Is-Sindku JC informa li saret talba lil *GreenPak* sabiex jitwaħħlu sistemi ta' CCTVs mal-*Bring in Sites*, fejn il-*Greenpak*, urew l-interess tagħhom, u talbu *feedback* mill-Kunsill.

57.3.1.1. Il-Kunsill qabel li jitmexxa l-proċess.

57.3.2. Is-Sindku JC tkellem dwar il-*Bus Stop* ta' Triq San Patrizju, fejn innota li qed ikun hemm l-ilmenti.

57.3.2.1. Il-Kunsill innota li kull fejn jiċċaqlaq *bus stop*, dejjem se jkun hemm ilmenti.

57.3.2.2. Il-Kunsill qabel li għandha ssir komunikazzjoni ma' *Transport Malta*, sabiex possibbilment, il-*bus stop* jitneħħa, u jsir wieħed in-naħa tal-

*Freeport* fejn kien qabel, u l-ieħor jitneħħa kompletament, u jsir faċċata, in-naħa tas-*soft area.*

57.3.3. Is-Sindku JC informa dwar programm ta' *outreach* organizzat mill-UNHCR li huwa intiż sabiex isir f'Birżebbuġa.

## 57.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

57.4.1. Il-Kunsillier JBO staqsa lis-Sindku sabiex jagħti dettalji dwar il-proċedura addottata fir-rigward tat-tqassim tal-kontenituri tal-*Wasteserv.*

57.4.1.1. Is-Sindku informa li sabiex il-Kunsill jagħti servizz, għamel arranġamenti mal-*Wasteserv* sabiex mil-lum sal-aħħar ta' Jannar, l-uffiċċju amministrattiv jirċievi talbiet mir-residenti permezz ta' kopja tal-Karta tal-Identita', u kif jintlaħaq ammont, dawn jiġu imqassma mill-kuntrattur tal-*Wasteserv* minn ħdejn il-Kunsill.

57.4.1.2. Il-membri tal-Kunsill innotaw li dan mhux arranġament tajjeb, għax ir-resident ser ikollu inkonvenjent doppju. Il-*Wasteserv* kellha tagħmel arranġament, sabiex jiġu u jqassmu fl-istess ġurnata, kif għamlu anke f'postijiet jew żoni oħra.

57.4.1.3. Il-Kunsill innota li anke l-pubbliċita' mhux biżżejjed, u qabel li jintbagħtu *leaflets* id-dar.

57.4.2. Il-Kunsillier AC staqsa dwar possibbiltà li ssir *crash barrier* tul il-*prominade* tal-Qajjenza.

57.4.2.1. Is-Sindku u l-membri l-oħra tal-Kunsill ma qablux ma' din il-proposta.

57.4.3. Il-Kunsillier AC staqsa dwar linji bojod tul it-triq fi Triq tal-Ġebel, kif ukoll marki tat-traffiku oħra.

57.4.3.1. Huwa kien infurmat li saret it-talba lil *Transport Malta*.

57.4.4. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar jekk kienx hemm talbiet u approvazzjoni għall-*zebra crossings* fi Triq il-Kurat Fenech u Triq is-Sajjied.

57.4.4.1. Huwa kien infurmat li ser issir verifika.

57.4.4.2. Il-Kunsill qabel li fi kwalunkwe każ, dawn għandhom isiru *humped.*

57.4.5. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar iz-*zebra crossing* ta' Misraħ il-Knisja, u staqsa jekk din tistax issir *humped*.

57.4.5.1. Huwa kien infurmat li għad hemm il-problema tad-dawl f'din *iz-zebra crossing.*

57.4.5.2. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi kkunsidrata *humped*, u nelfrattemp jitranġa id-dawl mill-kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet għall-Enemalta.

57.4.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għar-*Road Humps* ta' Triq San Filippu u irrimarka li vetturi qed isuqu viċin il-bankina sabiex jevitaw il-*hump*.

57.4.6.1. Il-Kunsill qabel li ssir verifika dwar it-tul tal-*hump*.

57.4.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-Misraħ San Ġorġ Preca u staqsa jekk jistax isir tisbiħ f'din iż-żona permezz ta' fondi tal-*Planning Authority*.

57.4.7.1. Huwa kien infurmat fil-pożittiv, dment li jkun hemm fondi disponibbli.

57.4.8. Il-Viċi Sindku JB staqsa dwar jekk baqax xi xogħol ta' dwal tat-triq fil-Pjazza ta' Bengħisa.

57.4.8.1. Huwa kien infurmat li baqa' jiġi kkonnettjat f*loodlight.*

57.4.9. Il-Viċi Sindku JB staqsa meta ser issir ir-*Road Hump* fi Triq San Ġużepp, kif approvata minn *Transport Malta*.

57.4.9.1. Huwa kien infurmat li l-*works order* lill-kuntrattur ħarġet, u qed nistennew li din issir fil-futur qarib, hekk kif għaddejjin ix-xogħlijiet ta' toroq fil-lokalita'.

57.4.10. Il-Viċi Sindku JB staqsa jekk hemmx data ta' meta ser jitlesta l-*iskatepark*.

57.4.10.1. Huwa kien infurmat li baqa' biss l-aħħar ftit xogħlijiet ta' *finishings*, u jiġi inawgurat mill-E.T. President ta' Malta.

57.4.11. Il-Viċi Sindku JB staqsa jekk hemmx pjan ta' meta ser titkompla Triq San Patrizju.

57.4.11.1. Huwa kien infurmat li l-Kunsill għadu ma rċeviex informazzjoni dettaljata, iżda bħalissa għaddej ix-xogħol ta' katusi tad-drenaġġ bħala parti mill-istess proġett, fi Triq San Ġorġ.

## 57.5 Rapporti;

57.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-*Performance Appraisal Report* tal-impjegati tal-amministrazzjoni.

57.5.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, u li l-impjegati tal-amministrazzjoni għandhom jingħataw il-massimu ta’ sitta (6) fil-mija.

57.5.2. Is-Sindku ressaq il-*Performance Appraisal Report* tas-Segretarju Eżekuttiv.

57.5.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata l-massimu ta’ għaxra (10) fil-mija.

57.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport dwar *leave* tal-impjegati tal-uffiċċju li ma tteħidx minħabba raġunijiet ta’ xogħol, sabiex jiġi trasferit għas-sena 2019.

57.5.3.1. Il-Kunsill approva t-trasferiment tal-*leave*.

57.5.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport finanzjarju tar-raba’ kwart tas-sena.

57.5.4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjegazzjoni fil-qosor tar-rapport.

57.5.4.2. Il-Kunsill approva r-rapport.

## 57.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sottokumitati;

57.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 57.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

57.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 01/19 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

57.7.1.1. Il-Kunsillier AC staqsa dwar pagamenti 9 u 11. Huwa kien infurmat li dawn ikopru xogħlijiet ta’ qtugħ ta’ ħaxix. Il-Kunsill qabel li l-*Contracts Manager* jibda jgħaddi rapport tax-xogħol li jkun sar ma’ kull *invoice*.

57.7.1.2. Il-Kunsillier AC staqsa dwar pagament 27. Huwa kien infurmat li dan ikopri tiswijiet tad-dwal tal-Milied, liema spejjeż ġew koperti permezz ta’ *sponsorships*.

57.7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AC u ssekondata mill-Kunsillier SZ , ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

57.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Diċembru 2018 bir-riferenza 12/2018 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

57.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsilliera LAG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 57.8 Mozzjonijiet;

57.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 57.9 Talba għall-ħlas ta' danni sofferti;

57.9.1. Il-Kunsill iddiskuta talba imressqa mis-Sur Mifsud, fejn ġarrab ħsara fit-28 t'Ottubru 2018 fi Triq San Patrizju.

57.9.1.1. Il-Kunsill qabel li tali talba tinżamm pendenti.

57.9.1.2. Il-Kunsill qabel li nelfrattemp, issir talba lil *Transport Malta* sabiex Triq San Patrizju issir 2 karreġġjati direzzjonijiet differenti n-naħa tal-baħar fejn hu asfaltar, u l-karreġġjata l-oħra issir biss għall-parkeġġ.

## 57.10 Traffiku u Parkeġġ;

57.10.1. Is-Sindku ressaq talba minn bejjiegħ tal-ħaxix, sabiex jingħata spazju fiss riservat fi Triq il-Bandli kantuniera ma' Triq Żarenu Dalli mit-Tnejn sas-Sibt bejn 6am u 7pm.

57.10.1.1. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jipproċessa applikazzjoni ma' *Transport Malta*, sabiex il-bejjiegħ jingħata spazju fiss fi Triq Żarenu Dalli.

57.10.2. Il-Kunsillier SZ ressaq proposti għall-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona ta' Triq tal-Ġebel ma' Triq ir-Raddiena.

57.10.2.1. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera jevalwaw id-disinni preparati, u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

57.10.3. Il-Kunsillier SZ irrimarka li qed jipprepara disinn għall-numru ta' *sleeping policemen* għal Triq tal-Ġebel, liema disinn ser ikun iċċirkolat lill-Kunsilliera fil-ġranet li ġejjin.

## 57.11 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

57.11.1. Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill applikazzjoni bin-numru PA 10636/18 *To relocate attendants' area for hiring of beach furniture.*

57.11.1.1. Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona għall-applikazzjoni minħabba li s-sit identifikat huwa proprju fuq il-*prominade.*

## 57.12 Street Lighting;

57.12.1. Is-Sindku JC ippropona twaħħil ta' lampa ġdida fi Triq Mons. Spir Penza.

57.12.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

57.12.2. Il-Viċi Sindku JB ippropona twaħħil ta' lampa ġdida fi Triq ir-Rizza kantuniera ma' Triq il-Gandoffla.

57.12.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

57.12.3. Il-Kunsillier SZ ippropona dawl addizzjonali fi Triq il-Port Ħieles kantuniera ma' Misraħ San Ġorġ Preca, minħabba li ż-żona hija mudlama.

57.12.3.1. Il-Kunsill qabel unanimament li jitwaħħal arblu b'żewġ antenni, fejn l-entratura tal-grawnd tal-futbol.

57.12.4. Il-Kunsillier SZ ippropona twaħħil ta' lampa ġdida ma' arblu eżistenti fi Triq Tal-Gurgier kantuniera ma' Triq San Ġwann.

57.12.4.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

57.12.5. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li Misraħ il-Knisja għadu mudlam.

57.12.5.1. Il-Kunsillier SZ informa li qed jaħdem fuq il-materja.

## 57.13 Attivitajiet;

57.13.1. Il-Kunsill tkellem dwar applikazzjoni għall-attività mingħand Agones Sfc - *Rock & Run 5KM Running Race.*

57.13.1.1. Il-Kunsill approva l-attività bil-kundizzjonijiet kif suġġeriti.

57.13.2. Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita’ Karnival f’Birżebbuġa.

57.13.2.1. Il-Kunsill approva li din għandha ssir is-Sibt 2 ta’ Marzu 2019. Il-Kunsill approva l-fondi ta’ din l-attività’ li għandu jkun ta’ l-istess ammont tas-sena preċedenti.

57.13.2.2. Il-Kunsill innota li l-attivita’ tal-Kunsill għandha ssir minn kmieni wara nofsinhar, sa kmieni filgħaxija, sabiex ma taħbatx m’attivitajiet oħra fil-lokalita’.

## 57.14 Offerti Pubbliċi;

57.14.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni għadu m’evalwax l-offerta relatata maż-żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi.

57.14.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord qed jikkonkludi l-evalwazzjoni tal-offerta ta’ Servizz ta’ Perit.

57.14.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-ġranet li ġejjin ser jagħlqu s-sottomissjonijiet għall-offerta ta’ Servizz ta’ *Handyperson*, u Manutenzjoni ta’ Bankini u Anċillari.

## 57.15 Proġett *Seabin*;

57.15.1. Il-Kunsill iddiskuta l-interess f’dan il-proġett, u qabel li din l-inizjattiva tiġi kkomunikata lil diversi operaturi kummerċjali ta’ Birżebbuġa.

## 57.16 Proġetti u Xogħlijiet;

57.16.1. Is-Sindku informa dwar talba minn resident għall-manutenzjoni ta’ *soft area* fi Triq l-Għerien, b’mod volontarju.

57.16.1.1. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

57.16.2. Is-Sindku tkellem dwar proposta minn resident sabiex isiru *crash barriers* fuq il-*bridge* li jgħaqqad Triq tal-Ġebel ma’ Triq iż-Żurrieq.

57.16.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament li tali talba tibqa’ pendenti, minħabba li ser tiġi diskussa u proposta sistema ta’ immaniġġjar ta’ traffiku aħjar f’dik iż-żona.

## 57.17 Pjan ta' Ħidma ta' 3 snin;

57.17.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport imsemmi, li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie unanimament ikkunsidrat bħala moqri.

57.17.1.1. Il-Kunsill approva r-rapport.

## 57.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

57.18.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.05 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 11 ta' Frar 2019.

Konfermati, illum 11 ta' Frar, 2019.

Iffirmati

Joseph Cutajar
Sindku

Iffirmati

Svetlick Flores
Segretarju Eżekuttiv